MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 655/2010

**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**
**VS**
**JOHN PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

John Portelli ta’ 62 sena, bin Micheal u Lucretia nee’ Buttigieg, mwieled Paola nhar it- 13 ta’ Gunju 1950, residenti 264, Triq Haz- Zabbar, Fgura u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 507850M;

Talli nhar id- 9 ta’ Jannar 2009 ghall- habta tas- 18.00 waqt li kien qed isuq vettura bin- numru tar- registrazzjoni FBF 604 tal- ghamla Toyota fi Triq Dun Karm Birkirkara u f’ inhawi ohra fil- Gzejjer Maltin;

1) b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’

tharis tar- regolamenti ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Anthony Briffa li ghandu numru tal- identita’ 211747M skont kif icceritifika Dr J Galea MD (Reg 2824) tal- Casualty Department tal- ispater Mater Dei;

2) saq b’ manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;

3) saq bi speed eccessiv;

4) fi triq regolata b’ sinjal ta’ dawl ta’ traffiku ta’ vetturi naqas li jieqaf meta d- daql kien qieghed jixghel ahmar, jew amber;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Dun Karm, maghrufa bhala B’Kara By-Pass, gej min-naha ta’ Hal-Lija u sejjer fid-direzzjoni lejn Tal-Qroqq. Hekk kif gie ma’ l-ewwel “pedestrian crossing” li hemm fit-triq, qrib tal-hanut bl-isem “Model Shop”, laqat lil Anthony Briffa li kien qed jaqsam it-triq minn fuq id-dwal u kkagunalu offizi involontarji ta’ natura gravi. Briffa ttiehed l-isptar, fejn wara li gie esaminat mit-tobba gie ddikjarat li qieghed fil-periklu li jitlef hajtu, u saret inkjesta mill-Magistrat tal-ghassa.

Illi bhala fatti kif elenkati hawn fuq, ma hemmx kontestazzjoni. Li hemm konflitt u nuqqas ta’ qbil fuqu huwa x’kulur kienu d-dwal meta sehh l-incident. Min-naha tieghu, fir-rapport tal-Pulizija Briffa qal li ma kienx cert x’kulur kien id-dawl dak il-hin, kienx ahdar jew “amber”. L-imputat, izda, isostni li hu ghadda minn fuq id-dwal tal-“pedestrian crossing” meta dawn kienu hodor ghall-vetturi

fit-triq, u ghalhekk kienu necessarjament homor ghal min kien qieghed jaqsam, bhal Briffa. Ghalhekk l-imputat wiegeb li ma kienx hati, peress illi hu kellu d-dritta li jghaddi minn fuq id-dwal, u t-tort tal-incident kien kollu ta' Briffa li qasam fuq dawl ahmar.

Illi ghalhekk il-Qorti esaminat il-provi kollha migjuba f'dan il-process. Qabel xejn il-Qorti tirrileva illi l-inkjesta infethet sieghat wara li sehh l-incident u mhux mal-ewwel. Dan gara peress illi hekk kif sehh l-incident u gew imsejha l-Pulizija fuq il-post, il-vittma ma kienx jidher li kellu griehi daqstant gravi. Di fatti l-imputat saq il-vettura tieghu u thalla jmur id-dar. Kien biss sieghat wara, meta t-tobba li ezaminaw lil Briffa qalu li kien fil-periklu tal-mewt, li saret l-inkjesta, allura s-"scene of crime" kienet gia' giet ikkontaminata sew. Madankollu, mid-dinamika tal-incident innifsu, hemm bizzejjed provi u kostatazzjonijiet li jistghu jwasslu ghal dak li gara.

Jidher li meta sehh l-incident, Briffa kien diga' qasam nofs it-triq meta intlaqat minn Portelli. Dik it-triq hija wiesgha zewg karreggjati, u ghalhekk Briffa kien gia' qasam karreggjata wahda, izda hekk kif qabad it-tieni karreggjata, intlaqat mill-vettura misjuqa minn Portelli. Tant hu hekk, li fl-ewwel karreggjata kien hemm vettura wieqfa qed tistenna li jaqsam Briffa. Dan iwassa ghall-konkluzjoni logika li Briffa kellu d-dritta biex jaqsam f'dak il-hin. Kien hemm karozza wieqfa fl-ewwel karreggjata, u Briffa beda jaqsam. Il-Qorti ghalhekk tasal ghall-konkluzjoni li d-dwal kienu hodor ghall-"pedestrians", u Briffa kellu kull dritt li jaqsam.

Inoltre, il-Qorti tirrileva li sewwieq dejjem irid izomm dak li fis-sewqan jissejjah "a proper lookout", specjalment meta gej lejn "pedestrian crossing" irregolat bid-dwal. It-triq in kwistjoni hija dritta fejn sehh l-incident, u tidher imdawla sew. Ma seta' kien hemm xejn x'jostakola l-vizwali tal-imputat ghat-triq quddiemu, hlief forsi l-vettura li kienet wieqfa fuq ix-xellug tieghu quddiem il-"lights". Anke hawnhekk, vettura wieqfa fuq "pedestrian crossing" aktar ghandha tallerta lis-sewwieqa ta' vetturi resqin lejn id-

dwal. L-imputat, ghal xi raguni, ma waqafx fuq id-dwal, u per konsegwenza sehh l-incident hekk kif indikat.

Madankollu, ghalkemm jidher li l-imputat huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident, ma jistghux jirrisultaw l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif dedotti kontra tieghu. Ghandu jigi rilevat fl-ewwel lok li fil-hin li sehh l-incident, it-triq tkun traffikuza hafna, u l-vetturi necessarjament ma jkunux ghaddejjin b'velocita'. Ghalhekk, zgur ma jistax jinghad li l-imputat saq b'velocita' eccessiva. Kienet haga kwazi impossibbli bl-ammont ta' karozzi li jkun hemm fit-triq f'dawk il-hinijiet. L-istess jista' jinghad fuq sewqan perikoluz jew bla kont. Id-differenza bejn dan it-tip ta' sewqan u dak merament traskurat huwa wiehed ta' gradi bejn nuqqas u iehor. F'dan il-kaz, is-sewqan ta' Portelli kien fil-livell minimu tal-ligi, jigifieri traskurat, izda la kien hemm velocita' eccessiva, u allura ma kienx hemm il-perikolosita', u zgur l-anqas sewqan addirittura bla kont.

Aktar minn hag'ohra, dan l-incident kien wiehed sfortunat ghall-ahhar, anke kif il-kundizzjoni medika ta' Briffa qalbet ghall-aghar wara l-incident innifsu. B'xorti tajba, il-konsegwenzi ma kienux tragici jew fatali. L-imputat bil-fors kien xi ftit jew wisq aljenat biex baqa' ghaddej fuq dawl ahmar, jew, fl-ahjar ipotesi izda xorta hazin u zbaljat, fuq dawl "amber".

Kwantu ghall-piena, il-Qorti bl-ebda mod ma tara li hemm l-estremi ghal xi piena iebsa jew pekunjarja. Ma kien hemm ebda sewqan bi ksuhat jew eccessiv mill-imputat. Kien biss "a sudden emergency" li halaq hu stess bit-trakuragni jew aljenazzjoni tieghu, izda tenut kont tac-cirkostanzi kollha ma kienx aggravat b'xi agir improprju tal-istess imputat. Ghalhekk, bhala piena, il-Qorti sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 15(1)(a)(2) u (3) tal- Kap 65, u r-Regolament 127 ta' LS 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tat- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant tilliberah minnha.
Issibu hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), b'dan illi s-sewqan kien wiehed traskurat, u r- raba' (4) akkuzi, u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------